

32002R0072

17.1.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 15/7

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 72/2002
tas-16 ta' Jannar 2002**

**li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 rigward l-evalwazzjoni tal-kwalità ta' l-istatistika strutturali dwar il-qligħ
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jirrigwarda l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u l-ispejjeż tax-xogħol ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) Huma meħtieġa l-miżuri sabiex jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 530/1999 rigward il-kontenut u l-kriterji ta' l-evalwazzjoni tar-rapport dwar il-kwalità li jrid jiġi mibgħut lill-Kummissjoni Ewropea (*Eurostat*) wara kull perjodu taż-żmien tar-referenza.
- (2) It-tagħrif mogħti f'dan ir-rapport għandu jirreferi għad-divarji definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1916/2000 tat-8 ta' Settembru 2000 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 li jirrigwarda l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u l-ispejjeż tax-xogħol rigward id-definizzjoni u t-trasmissjoni tat-tagħrif dwar il-qligħ strutturali ⁽²⁾.
- (3) Il-possibbiltà tat-twettiq u r-relevanza ta' wħud mill-punti bl-għażla pprovduti fl-ewwel rapport tal-kwalità għandu jiġi rrevedut mill-*Eurostat* u mill-istituzzjonijiet nazżjonali ta' l-istatistika fid-dawl tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolment huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programmi Statistiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kontenut u l-kriterji ta' l-evalwazzjoni tar-rapport tal-kwalità riferit f'Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 530/1999 huma stabbiliti fil-Partijiet A u B fl-Anness mar-Regolament preżenti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Jannar 2002.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

Id-divarji speċifikati huma dawk definiti f'Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1916/2000.

2. It-tagħrif u l-karatteristiċi jew il-waqfien bil-ħsara bl-għażla, stabbiliti fl-Anness, huma mitluba, safejn u sakemm dan ikun possibbli, bid-derogi fil-leġislazzjoni Komunitarja li tirrigwarda l-istatistika strutturali dwar l-ispejjeż tax-xogħol u l-qligħ, l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol, l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-kontijiet nazżjonali.

Artikolu 2

L-ewwel rapport tal-kwalità għandu jingħata dwar l-istruttura ta' l-istħarriġ fuq il-qligħ għas-sena tar-referenza 2002.

Għandu jiġi trasmess lill-*Eurostat* flimkien mat-twassil ta' l-informazzjoni u l-iktar tard sa 14-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu taż-żmien tar-referenza li għalih tkun inġabret l-informazzjoni.

Artikolu 3

Il-possibbiltà tat-twettiq u r-relevanza tal-punti bl-għażla stabbiliti fil-Parti B ta' l-Anness għandhom jiġu rreveduti fid-dawl tat-tagħrif attwalment mogħti mill-Istati Membri.

Din ir-reviżjoni għandha titwettaq mill-*Eurostat* u mill-istituzzjonijiet nazżjonali ta' l-istatistika.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

⁽¹⁾ ĠU L 63, tat-12.3.1999, p.6.

⁽²⁾ ĠU L 229, tad-9.09.2000, p. 3.

ANNEX

**IL-KONTENUT U L-KRITERJI TA' L-EVALWZZJONI FIR-RAPPORT TAL-KWALITÀ
GĦALL-ISTATISTIĊI STRUTTURALI DWAR IL-QLIGĦ**

PARTI A

L-istruttura ta' l-iskarriġ dwar il-qligħ: ir-riżultati ttotalizzati gross: l-analiżijiet tabulari

Id-distribuzzjonijiet tal-frekwenza u l-medji u l-medjani assoċjati aritmetiċi ⁽¹⁾ għandhom jiġu provduti għal mill-inqas:

- (a) In-numru ta' l-impjegati *full-time*, u
 - (b) in-numru ta' l-impjegati *part-time*,
- imqassma għal kull waħda mid-divarji li ġejjin:
- il-faxxa tal-qligħ gross bis-siegħa u skond is-sess,
 - il-faxxa tal-qligħ gross fix-xahar u skond is-sess,
 - il-faxxa tal-qligħ gross annwali u skond is-sess;
 - il-faxxa tal-btajjel annwali (< 10, 10-19, 20-24, 25-29, 30-34, ≥ 35 ġranet) u skond is-sess,
 - il-faxxa tas-sigħat imħallsa jew maħduma kull xahar (< 130, 130-139, 140-149, 150-159, 160-169, 170-179, ≥ 180 sigħat) u skond is-sess,
 - it-taqsim tan-NACE Rev.1 u skond il-livell 1 tan-NUTS,
 - it-taqsim tan-NACE Rev.1 u skond is-sess,
 - il-mestier (I-ISCO-88 fil-livell tan-numru b'ċifra waħda) u skond is-sess,
 - l-edukazzjoni (I-ISCED minn 0 sa 6) u skond is-sess,
 - il-faxxa ta' l-età (15-24, 25-54, 55-64, ≥ 65 sena għomor) u skond is-sess,
 - it-tul taż-żmien fis-servizz (< 10 years, 10-19, 20-29, 30-39, ≥ 40 sena) u skond is-sess
 - id-daqs ta' l-impriża f'termini tan-numru ta' l-impjegati ⁽²⁾.

Per eżempju, għall-qligħ gross fis-siegħa u skond is-sess:

- (a) in-numru ta' impjegati *full-time*

Il-faxxa tal-qligħ fis-siegħa	L-Irġiel + in-Nisa	L-Irġiel biss	In-Nisa biss
	Il-Frekwenza (%)		
Taħt il-EUR 5 Minn EUR 5 sa taħt il-EUR 10 Minn EUR 10 sa taħt il-EUR 15 Minn EUR 15 sa taħt il-EUR 20 Minn EUR 20 sa taħt il-EUR 30 Minn EUR 30 sa taħt il-EUR 40 Minn EUR 40 sa taħt il-EUR 50 EUR 50 u fuqhom	<i>Dawn il-faxex ta' qligħ fis-siegħa huma illustrattivi. Kull pajjiż għandu juża faxex illi jqassmu daqs insaw il-frekwenzi fuq il-firxa tal-qligħ kull siegħa, fix-xahar u kull sena. Jekk meħtieġa, għandhom jintużaw faxex oħra għajr dawk speċifikati hawn fuq għall-btajjel annwali u għas-sigħat fix-xahar imħallsa jew maħduma</i>		
Il-frekwenza ġenerali	100 %	100 %	100 %
In-numru totali ta' l-impjegati			
Il-medju ġenerali (fl-Euro)			
Il-valur medjan (fl-Euro)			

PARTI B

1. **Ir-relevanza** (punt bl-għażla)

Sommarju li jinkludi d-deskrizzjoni ta' l-utenti, id-deskrizzjoni tal-ħtiġijiet ta' l-utenti (skond il-gruppi prinċipali ta' l-utenti), u stima dwar is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' l-utenti.

⁽¹⁾ Għal kull tqassim speċifikat, għandu jiġi pprovdut dan li ġej: in-numru totali ta' l-impjegati, il-frekwenzi (%) li għandhom x'jaqsmu ma' kull waħda mill-faxex, il-valur ġenerali tal-medju u l-valur medjan. (Il-medji u l-medjani aritmetiċi mhumiex rilevanti għad-divarji tan-NACE Rev.1, in-NUTS 1, jew għall-mestier jew għal-livell ta' l-edukazzjoni.)

⁽²⁾ Sitt faxex fejn jirrigwarda n-numru totali ta' l-impjegati: 1-9, 10-49, 50-249, 250-499, 500-999, 1 000 u iktar. L-ewwel minn dawn is-sitt faxex hija bl-għażla għall-qligħ strutturali tas-sena 2002.

2. Il-preċ iżżjoni

2.1. L-iżbalji fit-teħid tal-kampjuni

2.1.1. It-teħid tal-kampjuni skond il-probabbiltà

2.1.1.1. Lejn fejn ixaqleb (punt bl-għażla)

L-istima tax-xaqlibiet dovuti għall-metodu ta' l-istima, jekk ikun hemm minnhom.

2.1.1.2. Il-varjabbiltà

— Il-koeffiċjenti tal-varjazzjoni ⁽¹⁾ fejn jirrigwardaw il-qligħ totali gross, billi tingħata informazzjoni separata għal mill-inqas il-qligħ ta' kull xahar (l-informazzjoni dwar il-qligħ kull siegħa u kull sena huma bl-għażla), għal:

(a) l-impjegati *full-time*, u

(b) l-impjegati *part-time*,

imqassma skond:

— it-taqsimi tan-NACE Rev.1 u skond,

— il-mestier (l-ISCO-88 fil-livell ta' numru b'ċifra waħda) u skond is-sess,

— il-faxxa ta' l-eta (15-24, 25-54, 55-64, ≥ 65 sena għomor) u skond is-sess,

— it-taqsimi tan-NACE Rev.1 u skond il-livell 1 tan-NUTS (punt bl-għażla),

— l-educazzjoni (l-ISCED minn 0 sa 6) u skond is-sess (punt bl-għażla).

— Il-koeffiċjenza tal-varjazzjoni fejn tingħata l-informazzjoni għas-siegħat fix-xahar, għall:

l-impjegati *full-time* employees, imqassma wieħed wieħed skond:

— it-taqsimi tan-NACE Rev.1 u skond is-sess,

— il-mestier (l-ISCO-88 fil-livell tan-numri b'ċifra waħda) u skond is-sess,

— il-faxxa ta' l-eta (15-24, 25-54, 55-64, ≥ 65 sena għomor) u skond is-sess,

— it-taqsimi tan-NACE Rev.1 u skond il-livell 1 tan-NUTS (punt bl-għażla),

— l-educazzjoni (l-ISCED minn 0 to 6) u skond is-sess (punt bl-għażla).

2.1.2. It-teħid ta' kampjuni mhux skond il-probabbiltà

Jekk jintuż t-teħid tal-kampjuni mhux skond il-probabbiltà, għandha tiżi pprovduta deskrizzjoni tas-sorsi possibbli ta' nuqqas ta' preċ iżżjoni.

2.2. L-iżbalji mhux fit-teħid ta' kampjuni

2.2.1. L-iżbalji tal-kopertura

— Id-deskrizzjoni tal-klassifika żbaljata prinċipali, il-problemi tal-kopertura baxxa jew għolja ⁽²⁾ ffaċċjati waqt il-ġbir ta' l-informazzjoni.

— Id-deskrizzjoni tal-metodi użati sabiex jiġu pproċessati dawn l-iżbalji.

— Ir-rati tal-klassifika żbaljata, il-problemi ta' kopertura baxxa jew għolja (punt bl-għażla).

Nota: Meta tintuża informazzjoni individwali amministrattiva, ikollha tiġi rrapportata analiżi simili msejsa fuq il-fajl amministrattiv tar-referenza.

2.2.2. L-iżbalji tal-kejl

— Id-deskrizzjoni tal-metodi użati għalbiex jagħmlu stima ta' l-iżbalji tal-kejl ⁽³⁾.

— L-istima tax-xaqliba u deskrizzjoni ta' l-istimaturi użati sabiex jikkorreġu x-xaqliba lejn divarju prinċipali, per eżempju, il-qligħ fix-xahar.

⁽¹⁾ Il-"koeffiċjent tal-varjazzjoni" huwa l-proporzjon ta' l-għerq ikkwadrat tan-nuqqas ta' qbil ta' l-istimatur mal-valur mistenni. Jiġi stmat skond il-proporzjon ta' l-għerq ikkwadrat ta' l-istima tan-nuqqas ta' qbil fit-teħid tal-kampjuni mal-valur stmat. Għandhom jiġu pprovduti kemm in-numeratur u kemm id-denominatur, flimkien mal-koeffiċjent tal-varjazzjoni li jirriżulta. L-istima tan-nuqqas ta' qbil fl-għażla tal-kampjuni trid tqis id-disinn tat-teħid tal-kampjuni.

⁽²⁾ Il-"klassifika żbaljata" tirreferi għall-klassifika mhux korretta ta' l-unitajiet li jappartjenu għall-popolazzjoni fil-mira. Il-"kopertura baxxa" tirreferi għall-unitajiet (ġodda) mhux inklużi fil-kwadru, jew minħabba t-twelid attwali jew minħabba n-nuqqas ta' inkorporazzjoni, u għall-unitajiet ikklassifikati ħażin. L-ekonomija s-sewda mhix involuta hawnhekk. Il-"kopertura għolja" għandha x'taqsam jew ma' l-unitajiet ikklassifikati ħażin illi huma fil-fatt il barra mill-iskop (p.e. l-unità attwali lokali mhux fit-Taqsimit Ċ-K tan-NACE Rev.1) jew għal unitajiet li ma jeżistux fil-prattika.

⁽³⁾ L-iżbalji tal-kejl huma l-iżbalji li jiġru fil-ħin tal-ġbir ta' l-informazzjoni. Jeżisti numru ta' sorsi ta' l-iżbalji tal-kejl, inklużi l-istrument ta' l-istħarriġ (l-għamla tal-kwestjonarju), ir-respondent, is-sistema tat-tagħrif, il-mod tal-ġbir ta' l-informazzjoni u min jagħmel l-intervista.

- 2.2.3. L-iżbalji ta' l-ipproċessar (punt bl-għażla)
L-iżbalji ta' l-ipproċessar huma żbalji fil-proċessi ta' wara l-ġbir ta' l-informazzjoni bħalma huma d-dħul, il-kodifika, l-għoti tan-numru, l-editjar, l-għoti tal-piż u t-tabulazzjoni ta' l-informazzjoni.
- Ir-rati ta' l-iżbalji fid-dħul jew il-kodifika ta' l-informazzjoni tad-divarji prinċipali, per eżempju:
 - il-qligħ totali gross għas-sena tar-referenza,
 - il-qligħ totali gross għax-xahar rappreżentattiv,
 - in-numru ta' s'għat imħallsa jew maħduma fix-xahar rappreżentattiv.
 - In-noti metodoloġiċi dwar l-istima ta' dawn ir-rati ⁽¹⁾.
 - L-istima tax-xaqlib u tan-nuqqas ta' qbil dovuti għall-iżbalji fl-ipproċessar.
- 2.2.4. Żbalji ta' nuqqas ta' tweġib
- Ir-rata tar-rispons skond l-unità ⁽²⁾.
 - Ir-rata tar-rispons skond il-punt għad-divarji possibbli (per eżempju, il-qligħ fis-sahar jew fis-sena u s-s'għat maħduma). Ir-rata hija l-proporzjon tan-numru ta' risponsi skond il-punt għan-numru tar-rispondenti ġewwa l-iskop.
 - Deskrizzjoni tal-metodi użati għall-imputazzjoni jew l-ippeżar mill ġdid għal meta ma jkunx hemm rispons.
- Nota:* Meta tintuża informazzjoni individwali amministrattiva, in-nuqqas ta' disponibbiltà tar-reġistru amministrattiv jew ta' punt ta' informazzjoni jieħu l-post tan-nuqqas tar-rispons.
- Deskrizzjoni tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' rispons u stima tax-xaqlibiet lejn in-nuqqas ta' rispons għal mistoqsija maġġuri jew iktar fil-kwestjonarju, per eżempju fejn jirrigwarda l-qligħ fix-xahar jew fis-sena, jew għas-s'għat maħduma.
- 2.2.5. L-iżbalji fl-għażla tal-mudell
- Ir-rapport ⁽³⁾ dwar l-użu tal-mudelli li ġejjin:
- sabiex jiġi żgurat li jintgħażel xahar rappreżentattiv,
 - sabiex tiġi aġġustata s-sena tal-kontijiet jew fiskali mas-sena kalendarja,
 - sabiex jiġi żgurat illi t-taqsimiet Ċ sa K tan-NACE Rev.1 ikunu koperti għal kollox mill-impriżi kollha (bħala minimu, għall-impriżi b'għaxar impjegati jew iktar),
 - sabiex tingħaqad l-informazzjoni mis-sorsi u l-istħarriġijiet amministrattivi.
- Nota:* Meta tiġi użata l-informazzjoni individwali amministrattiva, għandu jkun hemm kummenti dwar il-korrispondenza bejn il-kunċetti amministrattivi u l-kunċetti teoretiċi ta' l-istatistika.
3. **It-tempestività u l-puntwalità**
- Id-dati l-iktar prinċipali tal-ġbir ta' l-informazzjoni: p.e. it-temma taż-żmien impost fuq ir-rispondenti fl-Istat Membru meta jkun ntbagħtu l-kwestjonarji u s-sejħiet għall-ġbir u s-segwiment u meta jkun sar ix-xogħol fuq il-post.
 - Id-dati l-iktar importanti għall-fażi ta' wara l-ġbir: p.e. id-dati tal-bidu u tat-tmiem tat-tlestija, il-kodifika u l-kontrolli tal-plawsibbiltà, id-data tal-kontroll tal-kwalità (il-kongruwenza tar-riżultati) u l-miżuri dwar in-nuqqas ta' l-iżvelar.
 - id-dati l-iktar importanti tal-pubblikazzjoni: p.e. meta kienu kkalkolati u mxerrda r-riżultati bil-quddiem u ddettaljati.
- Nota:* Il-puntwalità tat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni lill-Eurostat trid tiġi evalwata skond ir-regolment li jspesċifika l-perjodiċità u d-dewmien fit-trasmissjoni ta' l-informazzjoni.
4. **L-aċċessibbiltà u l-ċarezza**
- Kopja tal-pubblikazzjoni/jiet, jew riferiment għal fejn tista' tinstab.
 - Tagħrif dwar liema riżultati, jekk ikun hemm minnhom, jintbagħtu lill-unitajiet tar-rappurtaġġ inklużi fil-kampjun.
 - Tagħrif dwar l-iskema tat-tixrid tar-riżultati (p.e. lil min jintbagħtu r-riżultati).
 - Kopja ta' kull dokument metodoloġiku li għandu x' jaqsam ma l-istatistika provduta, jew riferimenti għaliha.

⁽¹⁾ Il-kejl tar-rati ta' l-iżbalji jista' jinkiseb permezz ta' metodi tat-teknika standard dwar il-kontroll tal-kwalità, per eżempju bil-verifika tal-kwalità ta' subkampjun tal-kwestjonarji pproċessati (sabiex jiġi ċċekkjat il-livell ta' l-iżbalji jew matul il-fażi ta' l-għoti ta' l-importanza jew matul il-proċess ta' l-editjar mill-personal ta' l-Istituzzjonijiet Nazzjonali ta' l-Istatistika (INS)).

⁽²⁾ Ir-rata hija l-proporzjon tan-numru tar-rispondenti fl-iskop għan-numru tal-kwestjonarji mibgħuta lill-popolazzjoni magħżula.

⁽³⁾ Per eżempju, il-kummenti għandhom ikopru: il-proċedura ta' l-għażla ta' dawn il-mudelli (jiġifieri, għaliex ikun intgħażel mudell mogħti bi preferenza għal oħrajn alternattivi); jekk relevanti, l-iżball assoċjat stmat ta' l-istima ma' l-istimi korrispondenti; l-elementi tal-verifika ta' l-ipotesijiet li jissottolinjaw il-mudell; il-prova tal-qawwa li predittiva tal-mudell billi tintuża l-informazzjoni storika; il-paragun tar-riżultati ġġenerati mill-mudell mas-sorsi ta' l-informazzjoni li għandhom x'jaqsam magħhom; l-użu ta' l-istudji ta' l-eżamijiet bir-reqqa u l-validazzjoni minn naħa għall-oħra; il-prova tas-sensittività tal-mudell għall-istima tal-parametri; u l-validazzjoni tat-tidħil ta' l-informazzjoni skond il-mudell.

5. **Il-paragunabbiltà**5.1. *Il-paragunabbiltà ġeografika*

Paragun bejn il-kunċetti nazzjonali u l-kunċetti Ewropej iridu jiġu rrapportati jekk ikun hemm differenzi b'mod speċjali dwar id-definizzjoni ta' l-unitajiet statistiċi, il-popolazzjoni tar-referenza, il-klassifiċi u d-definizzjonijiet tad-divarji fir-riżultati ttrasferiti. Id-differenzi għandhom jiġu kkwantifikati.

Nota: Meta l-klassifiċi u l-unitajiet jiġu mir-reġistru, il-kwalità ta' dan it-tagħrif għandha tiġi mir-rapport dwar il-kwalità fir-reġistru.

5.2. *Il-paragunabbiltà matul iż-żmien*

Id-dettalji tal-bidliet fid-definizzjonijiet, il-kopertura jew il-metodi pparagunati ma' l-istrutturi ta' qabel dwar il-qligħ u evalwazzjoni tal-konsegwenzi tal-bidliet mhux negliġibbli.

6. **Il-koerenza**

Nota: Dan il-punt għandu żewġ għanijiet. L-ewwel għan huwa li jgħarraf lill-utenti dwar id-differenzi konċettwali li jeżistu bejn numru ta' sorsi għad-divarji li jixbhu ħafna lil xulxin u li s-soltu jkollhom l-istess isem fil-pubblikazzjonijiet statistiċi, u li jipprovdhom bit-tagħrif dwar kif jimxu minn kunċett għall-ieħor. It-tieni għan huwa li jiġi ċċekkjat illi l-istatistiċi, li fil-prinċipju huma konċettwalment koerenti, jagħtu riżultati paragunabbli għall-istess sena u għall-popolazzjoni tar-referenza. B'dawn l-għanijiet, l-istatistika dwar l-istruttura tal-qligħ għandha tiġi paragunata ma' l-istatistika l-oħra mibgħuta lill-Eurostat, filwaqt illi jitqies, per eżempju, illi l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-qligħ (SSQ) huwa bbażat fuq uniti lokali li huma ta' intrapriżi ta' 10 impjegati jew iktar.

6.1. *Il-koerenza ma' l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-ħaddiema fil-forza tax-xogħol għall-istess perjodu ta-żmien tar-referenza*

L-istruttura tas-SSQ għandha tiġi mqabbla ma' l-istruttura ta' l-istħarriġ tal-forza tax-xogħol (SQX) minħabba li ż-żewġ stħarriġijiet għandhom numru ta' divarji komuni. B'mod partikolari, il-cross-analysis tad-distribuzzjoni tal-ħaddiema fis-SSQ u s-SQX għandhom jiġu espressi f'perċentwali u magħmula separatament għall-impjegati *full-time* u *part-time*. It-tabulazzjonijiet min-naħa għall-oħra għandhom jużaw id-divarji li ġejjin:

- is-sess, l-età u l-attività ekonomika (in-NACE Rev.1, fil-livell tat-taqsimi),
- is-sess, l-età u l-edukazzjoni (l-ISCED minn 0 sa 6),
- is-sess, l-età u l-mestier (l-ISCO-88 fil-livell ta' numru b'ċifra waħda).

Il-faxex li ġejjin għandhom jintużaw għall-età (15-24, 25-54, 55-64, 65 sena jew iktar).

6.2. *Il-koerenza maċ-ċifri assoluti mill-informazzjoni ta' l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol għall-istess perjodu ta-żmien tar-referenza (punt bl-għażla għall-istħarriġ tas-sena 2002 dwar il-qligħ strutturali)*

It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor dak li huwa komuni għaż-żewġ sorsi.

	L-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-qligħ (SSQ)	L-Istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol (SQX)
L-Unità statistika	L-Unità lokali	Tad-Dar
Il-Kopertura ta' l-attività	It-Taqsimiet Ċ-J, M-O tan-NACE Rev.1	It-Taqsimiet Ċ-K, M-O tan-NACE Rev.1
Id-Divarji li jridu jiġu mqabbla bejn iż-żewġ sorsi	In-numru ta' l-impjegati, separatament għal dawk <i>full-time</i> u dawk <i>part-time</i> , u skond is-sess In-numru tas-sigħat maħduma matul ix-xahar rappreżentattiv (jew fxahar <i>standard tax-xogħol</i>)	In-numru ta' l-impjegati, separatament għal dawk <i>full-time</i> u dawk <i>part-time</i> , u skond is-sess In-numru tas-sigħat fil-ġimgħa s-soltu maħduma kkonvertit għal sigħat kull xahar
It-tqassim meħtieġ skond il-mestier	L-ISCO-88 fil-livell ta' numru b'ċifra waħda	L-ISCO-88 fil-livell ta' numru b'ċifra waħda
It-tqassim meħtieġ skond l-attività	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taqsima	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taqsima
It-tqassim meħtieġ skond ir-reġjun	Il-livell 1 tan-NUTS	Il-livell 1 tan-NUTS

Id-divarju "in-numru ta' impjegati" (li jiddistingwi separatament l-impjegati *full-time* u *part-time* u skond is-sess) u d-divarju "in-numru tas-siġhat maħduma" għandhom ikunu mqassma wieħed wieħed skond il-mestier, skond ir-reġjun u skond l-attività tan-NACE (huwa magħruf illi t-Taqsimiet M-O huma bl-għażla għas-SSQ tas-sena 2002). It-tabulazzjonijiet minn naħa għall-oħra bejn il-mestier, ir-reġjun u l-attività ekonomika mhumiex meħieġa.

6.3. *Il-koerenza ma' l-istatistika strutturali tal-kummerċ għall-istess sena: l-informazzjoni reġjonali (punt bl-għażla għall-istħarriġ strutturali dwar il-qligħ għas-sena 2002)*

Ir-regolament dwar l-istatistika strutturali tal-kummerċ ⁽¹⁾ ikopri l-attivitajiet kollha tas-suq fit-Taqsimiet Ċ-K tan-NACE Rev.1, għajr għat-Taqsima J. It-tabella li ġejja taġhti fil-qosor dawk li huma komuni għaż-żewġ sorsi.

	L-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-qligħ (SSQ)	L-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-kummerċ (SSK) (l-istatistiċi annwali reġjonali)
L-Unità statistika	L-Unità lokali	L-Unità lokali
Il-Kopertura ta' l-attività	It-Taqsimiet Ċ-K tan-NACE Rev.1	It-Taqsimiet Ċ-K tan-NACE, għajr għat-Taqsima J
Id-Divarji għall-paragun bejn iż-żewġ sorsi	In-numru ta' l-unitajiet lokali fil-popolazzjoni Il-qligħ totali gross fis-sena fis-sena tar-referenza	11 21 0: In-numru ta' unitajiet lokali 13 32 0: Il-pagi u s-salarji
It-tqassim meħtieġ skond l-attività	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taqsima	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taqsima
It-tqassim meħtieġ skond ir-reġjun	Il-Livell 1 tan-NUTS	Il-Livell 1 tan-NUTS

Id-divarji "in-numru ta' l-unitajiet lokali" u "il-qligħ/pagi u s-salarji totali gross annwali" għandhom ikunu mqassma wieħed wieħed skond l-attività fin-NACE u skond ir-reġjun. L-ispjegji tad-differenzi prinċipali ta' dawn id-divarji għandhom iqisu d-differenzi fil-kunċetti, id-definizzjonijiet, l-eżattezza u l-kopertura ta' kull wieħed mis-sorsi. It-tabulazzjonijiet minn naħa għall-oħra għandhom jiġu ppruvati skond l-attività fin-NACE u skond ir-reġjun.

6.4. *Il-koerenza ma' l-istatistika strutturali tal-kummerċ għall-istess sena: l-informazzjoni nazzjonali skond il-klassi tad-daqs ta' l-impriża (punt bl-għażla għall-istħarriġ strutturali tal-qligħ għas-sena 2002)*

	L-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-qligħ (SSQ)	L-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-kummerċ (SSK) (l-istatistika annwali ta' l-impriżi skond il-klassi tad-daqs)
L-Unità statistika	L-Unità lokali	L-Impriża
Il-kopertura ta' l-attività	It-Taqsimiet Ċ-K tan-NACE Rev.1	It-Taqsimiet Ċ-K tan-NACE Rev.1
Id-divarji għall-paragun bejn iż-żewġ sorsi	In-Numru totali ta' l-impriżi fi l-popolazzjoni In-numru totali ta' l-impjegati fi l-popolazzjoni Il-qligħ totali gross annwali fis-sena tar-referenza	11 11 0: In-Numru ta' l-impriżi 16 13 0: In-Numru ta' l-impjegati 13 32 0: Il-pagi u s-salarji
It-tqassim meħtieġ skond l-attività	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taqsima	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taqsima
It-tqassim meħtieġ skond id-daqs ta' l-impriża	In-numru ta' l-impjegati: 1-9 (*), 10-49, 50-249, 250-499, 500-999 u 1 000 +	In-numru tal-persuni impjegati 1-9, 10-49, 50-249, 250-499, 500-999 u 1 000 +

(*) Bl-għażla għall-istħarriġ strutturali dwar il-qligħ (SSQ) għas-sena 2002.

Kull wieħed mid-divarji "in-numru ta' l-impriżi", "in-numru ta' l-impjegati" u "il-qligħ/pagi u s-salarji totali gross annwali" għandu jiġi mqassam simultanament wieħed wieħed skond l-attività fin-NACE u skond id-daqs ta' l-impriża. L-ispjegji tad-differenzi prinċipali għal dawn id-divarji għandhom iqisu d-differenzi fil-kunċetti, id-definizzjonijiet, l-eżattezza u l-kopertura għal kull wieħed mis-sorsi. Per eżempju, għas-SSK, in-numru ta' l-impriżi (11 11 0), in-numru ta' l-impjegati (id-divarju 16 13 0), u l-pagi u s-salarji (id-divarju 13 32 0) mhumiex disponibbli għat-Taqsimiet Ċ-K kollha tan-NACE.

(1) ĠU L 14, tas-17.01.1997, p. 1.

- 6.5. *Il-koerenza mal-kontijiet nazzjonali għall-istess sena: l-informazzjoni nazzjonali (punt bl-għażla għall-istħarriġ strutturali dwar il-qligħ għas-sena 2002)*

It-tabella li ġejja tagħti fil-qosor dak li huwa komuni għaż-żewġ sorsi.

	L-Istharrig dwar l-istruttura tal-qligh (SSQ)	Il-Kontijiet nazzjonali (it-Tabella 3: It-Tabelli skond l-eżerċizzju industrijali annwali) (*)
Il-Kopertura ta' l-attività	In-NACE Rev.1 Taqsimiet Ċ-K, M-O	In-NACE Rev.1 Taqsimiet Ċ-K, M-O
Id-divarji għall-paragun bejn iż-żewġ sorsi	In-numru totali ta' l-impjegati Il-qligħ totali gross annwali fis-sena tar-referenza	In-numru totali ta' l-impjegati D11 Il-pagi u s-salarji
It-tqassim meħtieġ skond l-attività	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taq-sima	In-NACE Rev.1, fil-livell ta' Taq-sima

(*) Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet, SEK 95, il-programm tat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni, il-Komunitajiet Ewropej 1997 (ara wkoll il-kwestjonarju tas-SEK 1995).

Kull wieħed mid-divarji "in-numru ta' l-impjegati" u "il-qligħ/pagi u s-salarji totali gross annwali" għandhom jiġu mqassma wieħed wieħed skond l-attività fin-NACE. L-ispejgi tad-differenzi prinċipali fid-divarji bejn iż-żewġ sorsi għandhom iqisu d-differenzi fil-kunċetti u l-koperturi u, meta disponibbli, l-eżattezza ta' kull waħda mill-istatistiċi. Għall-SSQ tas-sena 2002, it-Taqsimiet M sa O tan-NACE Rev.1 huma bl-għażla.

7. **Il-kompletezza**

Lista tad-divarji u/jew tqassim meħtieġa fir-Regolament li mhumiex disponibbli u t-titjib previst sabiex jiġu rettifikati dawn in-nuqqasijiet.